# KARITA'

*Ta'* J. E. Busuttil

KIEN żmien il-black-out u biex jitkompla jitkattar id-dlam, l-ajru kien mgħobbi bi sħab iswed. Kienu daqqu s-sagħtejn ta' fuq nofs il-lejl. Kont għaddej minn triq imwarrba sejjer lejn id-dar; rasi baxxa lejn l-art, idejja t-tnejn fil-bwiet tal-coat, berritta mgħaddsa f'rasi u b'moħħi jhewden fuq dak li kien għadda minn għalija ma' tul dik il-lejla. Fit-triq baħħ; il-ħoss tal-mixi tiegħi kien jinstama' jdamdam u jidwi. Minn wara bieb ħarġet tiġri ħaġa sewda li ħasditni — ħarist warajja u sibt li kien qattus. Kien x'kien, il-ħasda ħadtha. Waqaft ftit biex bħalli kieku nirpilja, imbagħad bqajt miexi.

Kif ilwejt il-kantuniera, dejjem b'rasi baxxuta, mgħargħar fil-ħsebijiet, naħbat ma' ħaġa ratba, ħarist 'il fuq u nilmaħ bniedem li kien b'nofs wiċċu mgħammad u dan, b'leħen fgat qalli: "Ieqaf hemm, arfa' idejk fl-ajru jekk baqagħlek kont ta' ħajtek; ara titniffes. Ili nistenniek, tini li għandek", u waħħal il-kanna tar-revolver li kellu sewwa sew ma' sidri. L-anqas ħaġa li kont nistenna kienet dik it-theddida. Ksaħt għal kollox, irmajt nirtogħod, tbikkimt, irmajt intemtem...

"Isa minnufih, tini kulma għandek; naf li ġej minn fuq il-mejda tal-logħob". U mingħajr ċerimonji dan it-tali qabad idaħħal idu fil-bwiet, fittixli kullimkien u saħansitra ta s-salt għal idi biex jisraqli l-arloġġ — għalkemm ma kellix. Fittixli kull rokna ta' persunti, ma sabli xejn. "Fejn huma l-flus?" reġa' qalli bl-istess leħen fgat. "Xi flus huma?" weġibtu. "Jekk tlift sa l-anqas ħabba". U hawn, dan il-flien, wara li rajtu jimsaħ demgħa minn għajnejh bit-tarf tal-maktur li kellu wiċċu mgħammad bih, daħħal idejh f'butu, ħareġ żewġ liri, taħomli u baqa' sejjer għal xogħlu... u jiena bil-fixla u bil-qatgħa li kienet qiegħda taħdem fuqi, mank għidtlu f'ħajjetek jew għar-ruħ min għandek mejjet.